# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NUMRU 2 4 8 7

**Chairman: Dr Leslie Cuschieri** Cert.Dip.Stud., LL.D.
**Membri : - Ms Isabel Vella**
**- Mr Chris Attard**

**Kaz Numru 2729/LC**

**Fit-Tilwima tax-Xoghol bejn**

**Fondazzjoni ghal Servizzi ta' Harsien Socjali**

**vs**

**Union Haddiema Maghqudin**

**dwar nuqqas ta' ftehim fir-rigward ta' haddiema tal-Fondazzjoni li qed jitolbu beneficcju illi m'huwiex fil-ftehim kollettiv iffirmat mill-Fondazzjoni f'Marzu tal-2009**

Illum 27 ta' Gunju 2017

Dan il-kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali fil-11 ta' Novembru 2008 mill-ministru ghall-Politika Socjali s-Sur John Dalli wara ittra mill-Foundation for Social Welfare Services minhabba tilwima industrijali li kien mehtieg tigi deciza mit-Tribunal Industrijali. Ghalkemm saret laqgha ta' konciljazzjoni bejn il-partijiet xorta wahda ma ntlahaqx ftehim fuq il-kwistjoni. It-*Terms of Remit* huma dawk indikati fl-istess ittra ta' Sina Bugeja f'isem il-Foundation for Social Welfare Services datata 1 ta' Novembru 2009, u cioe` biex tigi riżolta l-anomalija fejn haddiema li gew *deployed* mis-Servizz Pubbliku ghal mal-Fondazzjoni u li jaqghu taht il-Ftehim Kollettiv iffirmat f'Marzu 2009, xorta kienu qed jippretendu d-drittijiet li jgawdu l-ufficjali fis-servizz pubbliku, inkluz fost affarijiet ohra l-*pre-retirement leave*.

PRELIMINARI

Il-Fondazzjoni ghal Servizzi ta' Harsien Socjali dahhlet Terms of Reference li tghid li haddiema (mis-Servizz Pubbliku) li gew skjerati mal-Fondazzjoni kienu qeghdin jirreklamaw kundizzjonijiet ta' impieg li jmorru lil hinn minn dak stipulat bejn il-Fondazzjoni u l-Union fil-Ftehim Kollettiv ffirmat bejniethom, mentri l-Fondazzjoni tirrikonoxxi biss dawk id-drittijiet li huma stipulati bil-Ftehim Kollettiv.

Sussegwentment il-Fondazzjoni pprezentat Dikjarazzjoni tal-Kaz fejn intqal li meta l-Gvern kien ghadda certi servizzi minn taht l-amministrazzjoni civili ghal ma' numru ta' fondazzjonijiet, is-servizzi li kienu pprovduti mill-Adult Training Centres (ATC) tqieghdu fir-responsabbilta` tal-Fondazzjoni (FSWS), u ghalhekk anke l-haddiema li kienu jahdmnu fl-ATC gew deployed ghal mal-FSWS. Il-kwistjoni li ma setghetx tigi rizolta tirreferi ghall-haddiema li gew impjegati mas-Servizz Civili qabel il-15 ta' Jannar 1979 u li fid-9 ta' April 2007 gew deployed mal-FSWS, u tirrigwarda jekk dawn humiex intitolati ghal pre-retirement leave bil-paga. Inghad li fis-7 ta' Marzu 2008 gie ffirmat ftehim biex ikopri l-haddiema kollha, pero' ghalkemm inghataw diversi beneficji, l-pre-retirement leave ma kienx wiehed minn dawn il-beneficji li inghataw il-haddiema. Il-Fondazzjoni ssostni li kemm il-haddiema li gew mic-Civil u dawk li ma kienux deployed kienu qed jaghmlu l-istess xoghol, u ma setghetx issir diskriminazzjoni bejniethom; in oltre ma setax ikun hemm haddiema li jiehdu kemm il-beneficcji tal-impieg il-gdid kif ukoll tal-antik: huma kellhom jaghzlu b'mod volontarju jew ikunu bhall-haddiema tal-FSWS, jew jitolbu li jmorru lura mas-Servizz Civili.

L-Union Ħaddiema Maghqudin (UĦM) ipprezentat id-Dikjarazzjoni tal-Kaz taghha fejn ikkontendiet li l-Fondazzjoni ma kellha qatt is-setgha tnehhi jew tirtira xi drittijiet li l-haddiema li gew deployed maghha mic-Centri ta' Tahrig

ghall-Adulti ghaliex kemm il-beneficcju tal-“Pre-Retirement Leave” kif ukoll s-“Sick leave entitlement of pensionable public officers” huma kundizzjonijiet tax-xoghol li ma johorgux mill-ftehim kollettiv iffirmat bejn il-Fondazzjoni u l-Union nhar is-7 ta’ Marzu 2008; ghalhekk l-ittri l-Fondazzjoni baghtet fis-Sajf tal-2009 sabiex jigi irtirat id-dritt tal-Pre-Retirement Leave kienu jmorru oltre mill-gurisdizzjoni tal-istess Fondazzjoni. Tghid li fid-diskussjonijet li kien hemm bejn il-partijiet qabel gie ffirmat il-Ftehim Kollettiv qatt ma intqal li l-haddiema li gew deployed mic-Civil kellhom jitilfu d-drittijiet taghhom bhala haddiema tac-Civil, senjatament il-pre-retirement leave u s-sick-leave entitlement fo pensionable public officers. Fid-19 ta’ April 2007 is-Segretarju Permanenti responsabbli kien baghat jinforma lil dawn il-haddiema x’kienu l-kundizzjonijiet tal-impieg il-gdid taghhom, pero’ dawn iz-zewg beneficji ma ssemmewx. Sa ma gie ffirmat Ftehim Kollettiv, dawn il-haddiema kellhom jigu regolati bi Classification Agreement, imbaghad il-Ftehim Kollettiv kellu japplika ghall-haddiema kollha – deployed u mhux deployed. Jinghad li bhal ma s-Segretarju Permanent avvza lill-haddiema deployed li mal-iffirmar tal-Ftehim Kollettiv il-Classification Agreement kellu jaqa’, dawn il-haddiema kellhom jitilfu l-beneficji tal-leave imsemmija biss kieku dawn gew avvzati b’dan. L-Union tghid li min ihaddem ghandu dejjem javza lill-haddiema bid-drittijiet u l-obbligi kollha taghhom, u ghandu dejjem javzahom jekk dawn ikunu ser jinbidlu. Di fatti kien hemm haddiema minn dawn li spiccaw mill-impieg u inghatalhom pre-retirement leave. La darba ma gie negozjat ebda tibdil rigwardanti l-pre-retirement leave u s-sick-leave entitlement ta’ dawn il-haddiema, dawn kellhom jibqghu bhal qabel, u ma setghux jitnehhew unilateralment. L-union elenkat is-segwenti punti:-

1. Il-Fondazzjoni ma tistax tirtira dak li ma ffirmatx ghalih hi, u d-dritt tal-pre-retirment leave u sick-leave entitlement huwa xi haga ta’ bejn il-Gvern u l-haddiema, u ghalhekk mhux fil-kompetenza taghha li tiddetermina dan il-punt;
2. Drittijiet miksuba mis-Servizz Pubbliku jinzammu “on grounds of Public Policy” f’kazijiet ta’ deployment;
3. Haddiema deployed ghandhom ikunu mgharrfa b’kull tibdil fil-beneficji taghhom u m’ghandu jithalla xejn ghal “guess-work.”

4. Haddiema deployed gew infurmati mis-Segretarju Permanenti li huma se jiqbghu regolati mid-dixxiplina tal-Public Service Commission u li l-Classification Agreement taghhom kellu jispicca malli jigi ffirmat il-Ftehim Kollettiv mal-FSWS, u ghalhekk kwalunkwe bdil iehor kellu jigi avzat.
5. La darba l-korrispondenza u l-Ftehim Kollettiv ma jsemmi xejn dwar il-*Pre-Retirement Leave* u s-*Sick-Leave entitlement* of *Pensionable public officers*, dawn ma kellhomx jigu affettwati.
6. Il-haddiema *deployed* mal-FSWS baqghu impjegati tas-Servizz Pubbliku peress li dawn ma ffirmaw ebda dokument li bih saru impjegati tal-Fondazzjoni, u ghalhekk kellhom jibqghu igawdu d-drittijiet tas-Servizz Pubbliku, inkluz il-*pre-retirment leave* u s-*sick-leave entitlment for pensionable public officers*.
L-union talbet li t-Tribunal jiddikjara d-decizjoni tal-Fondazzjoni li tirtira l-beneficji tal-*pre-retirment leave* u tas-*sick-leave entitlement of pensionable public officers* bhala illegittima u huma ghandhom jigu kkumpensati, u tali beneficji jergghu jidhlu fis-sehh.

Dan il-kaz ma setax jigi deciz fis-zmien indikat bl-artikolu 78 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta peress li l-gbir tax-xhieda ha fit-tul, inbidlet il-kompozizzjoni tal-Bord, is-smiegh waqaf tul il-pendenza ta' Kawza Kostituzzjonali rigward l-imparzjalita tac-Chairmen tat-Tribunal Industrijali, u ragunijiet ohra li impedew il-qtugh ta' dan il-kaz fiz-zmien hemm stabbilit.

It-Tribunal ghamel appell ghal ftehim bonarju.

Fl-ewwel seduta Josef Vella ghall-UHM irrileva li l-principji li ghandhom jigu dibattuti f'dan il-kaz huma dawk konnessi kemm mal-*pre-retirement leave* kif ukoll mas-*sick-leave.*

Il-partijiet qablu u ddikjaraw li l-Ftehim Kollettiv li sar mal-Fondazzjoni li jirreferi ghall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Dicembru 2010 jirregola anke lil dawk il-haddiema li mis-servizz Pubbliku gew deployed mal-FSWS,

pero' l-Union issostni li dawn il-haddiema xorta jibqaghlhom id-dritt li jibbenefikaw minn kull beneficcju li jgawdu minnu l-haddiema kollha tac-Civil, partikolarment l-*pre-retirement leave,* s-*sick-leave entitlement* u l-penzjoni.

PROVI

Apparti ammont konsiderevoli ta' korrispondenzi, il-partijiet ressqu wkoll numru ta' xhieda.

Giet prodotta **Anna Caruana Colombo**, direttur ghar-Relazzjonijiet tal-Impjegati fl-Officju tal-Prim Ministru, li spjegat li saru diversi korrispondenzi bejn l-ufficju taghha u l-Fondazzjoni (FSWS) rigwardanti l-pre-retirement leave. Din ix-xhud osservat li haddiema fis-servizz pubbliku li jigu deployed ma' xi agenzija jew fondazzjoni jibqghu haddiema tas-Servizz Pubbliku, sakemm ma jkunux dahlu fi ftehim ma' dik l-agenzija jew fondazzjoni biex isiru haddiema permanenti maghha. Tghid li l-"policy" hi li hekk kif jigi iffirmat Ftehim Kollettiv bejn union u tali agenzija jew fondazzjoni, dawn il-haddiema deployed jibdew jigu regolati minn dak il-ftehim kollettiv; igifieri jekk fil-Ftehim Kollettiv ma jkunx hemm provdut ghal pre-retirement leave, il-haddiema deployed ma jibqghux intitolati ghalih. Tghid li dawn il-haddiema jibqghulhom xi drittijiet bhala ufficjali pubblici, bhal ma huma li jibqghu intitolati japplikaw ghal promozzjonijiet, li jigu ddixiplinati bir-regolament tal-Public Service Commission (PSC), u biex jigu boarded-out huma jkunu jridu japplikaw mal-Bord tas-Sahha; ghandhom dritt ukoll ghall-*progression fis-substantive grade* u ghall-penzjoni tas-servizz. Tghid li pero' l-leave, vacation leave, sick leave u pre-retirement leave jigu determinati mill-ftehim kollettiv. Din il-policy hija ghall-haddiema kollha fis-Servizz Pubbliku li jigu deployed ma' kwalunkwe agenzija jew fondazzjoni. Tghid li l-haddiema tac-Civil huma regolati bil-Public Service Management Code (PSMC), u dan huwa applikabbli irrispettivament minn jekk il-haddiema ikunux jafu x'fih. Skond din ix-xhud dan li spjegat mhux miktub f'xi ligi imma hija policy mibnija fuq prassi. Tghid

li haddiema li jkunu deployed ikollhom dritt jitolbu li jmorru lura fis-Servizz Pubbliku, pero' imbaghad ikun jiddependi mill-htigijiet tal-Gvern. Tispjega li biex haddiem jigi impjegat permanentement ma' agenzija jew fondazzjoni, l-ewwel trid tkun l-agenzija jew fondazzjoni li toffri tali impieg, imbaghad il-haddiem li jkun interessat irid jirrizenja minn ufficjal pubbliku, u imbaghad jaccetta l-impieg mal-agenzija jew fondazzjoni. Tghid li l-pre-retirement leave huwa regolat mill-PSMC u jinhadem mill-kap tad-Dipartiment fuq is-sick-leave li jkun ha l-individwu. Mistoqsija mill-ufficjal tal-union kif jista' haddiem deployed jitlef id-dritt ghall-pre-retirement leave minghajr ma hu miktub f'ebda ligi u minghajr ma jsir ftehim fuq dan, din ix-xhud sostniet li din hija policy u l-individwu ghandu jistaqsi dwar x'policies ikunu japplikaw ghalih. Tghid li fis-17 –il sena li kienet ilha f'dak il-grad, il-policy dejjem hekk kienet.

Xhed ukoll **Eric Serracino**, Assistent Direttur fid-Direttorat ghar-Relazzjonijiet tal-Haddiema li jghid li huwa la kien involut fid-deployment u anqas fin-negozjar tal-ftehim kollettiv: huwa kien involut biss biex wara query li tqajment mill-Fondazzjoni ghas-Servizzi ta' Harsien Socjali, huwa infurmahom li minkejja li haddiema li jigu deployed mal-fondazzjoni jibqghu meqjusa bhala ufficjali pubblici, huma ma jibqghux igawdu minn pre-retirement leave jekk ma jkunx specifikatament moghti bil-ftehim kollettiv, u dan skond policy antika. Anke dan ix-xhud, fuq mistoqsija apposita mill-union, jghid li ma jafx li hemm policy miktuba li tghid li haddiema deployed jitilfu l-pre-retirement leave, pero' jghid li din il-policy ilha tezisti u suppost il-unions kollha jafu biha.
Dan ix-xhud jispjega li l-haddiema li jigu deployed izommu biss dawk li jissejhu l-"inherent rights", bhal ma hu d-dritt li tigi ddixxiplinat mill-Public Service Commission, id-dritt ghall-penzjoni tat-Tezor, id-dritt li jibqghu igawdu mill-Classification Agreement rigward progressions, u d-dritt li tigi boarded-out.

**Leo Bonnici** xhed li huwa Direttur tar-Rizorsi fil-Public Administration and Human Resources Office fl-Ufficju tal-Prim' Ministru. Spjega li meta ufficjali

pubblici jigu trasferiti ghal ma' entitajiet, jekk l-entita' in kwistjoni tkun specifikatament imwaqqfa b'xi ligi, it-trasferiment jissejjah "detailing". Mentri jekk dik l-entita' ma tkunx mwaqqfa b'ligi, it-trasferiment jissejjah "deployment."

Jghid li meta l-Prim Ministru jezercita' s-setgha li jibghat ufficjali pubblici, b'detailing, ma' entita', dawk il-haddiema jibqghu ufficjali pubblici u "on no less favourable grounds". Dawn jibqghu izommu d-drittijiet ta' ufficjali pubblici ghal dak li jirrigwarda **dixxiplina**, **progressions**, **promotions**, il-**grad sustantiv**, **sejhiet ghal appointments u promotions** fis-servizz pubbliku.

Jghid li meta l-ufficjali jintbaghat ma entita' li ma tkunx imwaqqfa b'ligi, it-trasferiment jissejjah "deployment", pero' dan huwa biss isem u dawn ukoll izommu d-drittijiet hawn elenkati. Madankollu, skond dan ix-xhud, il-ligi ma tghidx li l-haddiem jigi "deployed on no less favourable grounds", u ghalhekk meta jigi ordnat id-deployment il-haddiema in kwistjoni jigu mgharrfa bil-kundizzjonijiet godda tal-impieg. Jikkonferma li dment li haddiem jibqa' ufficjal pubbliku, id-drittijiet imsemmija hawn fuq ("inherent rights") jibqa' jgawdi minnhom, pero' kundizzjonijiet ohra jkunu jridu jinkitbu. Skond dan ix-xhud, il-principju li haddiem li jigi detailed ma jistax ikollu kondizzjonijiet "on less favourable grounds" jinkiteb fil-ligi li biha tigi mwaqqfa dik l-entita`. Il-fondazzjoni FSWS ma kinitx imwaqqfa b'ligi, u peress li kien hemm bzonn li ufficjali pubblici jigu assenjati maghha ("demand-driven"), dawn gew deployed maghha. Dan ix-xhud jirreferi ghall-Public Service Management Code 2009 li jitkellem fuq deployment u detailing fi klawsola 1.5.1.3. Dan ix-xhud jghid li haddiem li jigi deployed ikun irid jaccetta tali trasferiment, pero' jista' jitlob li jmur lura, imbaghad ikun jiddependi mill-esigenzi tas-servizz. Skond dan ix-xhud kull ufficjal pubbliku jibqa' jzomm l-inherent rights li huma **(i) li jzomm il-grad sustantiv tieghu skond il-Classsification Agreement, (ii) li jigi dixxiplinat bir-regoli dixxiplinari tal-Public Service Commission, (iii) li jiehu promozzjonijet fic-civil, u (iv) li jircievi l-penzjoni tat-Tezor**. Jghid li dawn huma msemmijin fil-Classification Agreement, u jibqghu validi anke jekk ikun hemm ftehim kollettiv, imma l-pre-retirement leave l-anqas ma

hu imnizzel fil-Classification Agreement. Mal-FSWS gew deployed 102 haddiem, u dawn ma hadux impieg permanenti mal-fondazzjoni, u baqghu ufficjali pubblici.

**Joseph Ebejer** xhed li huwa kien Segretarju Permanenti fil-Ministeru ghas-Social Policy u President tal-Bord tad-Diretturi tal-Foundation for Social Welfare Services, u sussegwentement Data Protection Commissioner. Huwa rega' spjega kif fl-1 ta' Novembru 2006 id-direttur tar-Resourcing mill-ufficju tal-prim ministru kien infurmah (ittra a folio 106) li l-Prim Minstru approva d-deployment ta' 102 ufficjal pubbliku li kienu jahdmu fl-Adult Training Centres ghal mal-Fondazzjoni. Pero' fix-xhur ta' qabel harget din l-ittra, il-Ministeru ghamel laqghat mal-UHM u mal GWU biex jigi spjegat lilhom x'kien ser isir mill-haddiema. Id-diffikultajiet kollha li seta' kien hemm gew iccarati f'dawk il-laqghat. Fid-19 ta' Jannar 2007 is-Segretarju Permanenti baghat ittra lil Gejtu Tanti tal-UHM fejn irrikapitola dak li hareg mill-laqghat, fosthom (i) li l-haddiena kollha fl-Adult Training Centres kienu ser jigu deployed mal-Fondazzjoni; (ii) min ikun irid imur lura mal-Gvern jista' jaghmel dan skond il-prattici tas-soltu u suggett li l-Gvern ikollu domanda; (iii) il-haddiema ma jistghux jigu detailed ghaliex il-Fondazzjoni ma twaqqfitx b'ligi appozita imma b'kuntratt notarili; ghalhekk l-unions gew imhegga jippreparaw ftehim kollettiv ghall-Fondazzjoni kemm jista' jkun malajr; (iv) dixxiplina tibqa' taht il-Public Service Commission; u (v) dawn il-haddiema jkollhom id-dritt ta' Salvagwardja assigurat u jekk l-entita' jew agenzija tispicca, l-haddiema jkollhom dritt imorru lura fic-Civil, hekk kif spjegat f'ittra li kiteb is-Segretarju Permanenti fis-16 ta' Frar 1996, Imbaghad dan ix-xhud hareg l-ittra ta' deployment lil kull haddiem fid-9 ta' April 2007. Il-haddiema gew avvzati li (a) kienu ser jahdmu mal-Fondazzjoni ghal ragunijiet ta' *public policy*, (b) il-Classification Agreement li jirregola l-ufficjali pubblici jibqa' japplika sa dakinhar li jigi fis-sehh Ftehim Kollettiv, (c) jekk ikunu jridu jirritornaw fis-servizz pubbliku jistghu jimxu skond il-prassi, suggett li l-gvern ikollu domanda u htiega ta' haddiema, (d) min jirritorna fic-Civil jigi mqieghed fil-

grad sustansiv li kellu qabel id-deployment, u (e) is-servizz mal-Fondazzjoni jkun jghodd ghal skop ta' pensjoni.
In kontroezami jghid li qabel ma gie ffirmat il-Ftehim Kollettiv, dawn il-102 haddiem baqghu taht il-Classification Agreement, u anke bil-pre-retirement leave. Pero' meta gie ffirmat il-Ftehim Kollettiv dawn il-haddiema kienu igawdu biss l-inherent rights (li ma jinkludux pre-retirement leave) u dak li jtihom il-Ftehim Kollettiv. Mistoqsi kif kienu qed igawdu minn pre-retirement leave jekk il-Classification Agreement ma jsemmix dan il-leave, ix-xhud jghid li dan id-dritt tal-pre-retirment inholoq wara li sar il-Classification Agreement, b'zieda mieghu. Jghid li wara d-deployment, min ried il-pre-retirment leave ried japplika mas-CEO jew Manager li jkun imexxi l-agenzija li maghha jkun deployed il-haddiem.

**Sina Bugeja** xhedet li hija l-kap ezekuttiv tal-Fondazzjoni. Tghid li malli waslitilha ittra b'talba ghal pre-retirement leave, hija fittxet fil-Ftehim Kollettiv biex tara kienx hemm provdut ghaliha, imma ma sabet xejn. Ikkomunikat mal-Management and Personnel Office tal-Officju tal-Prim Ministru u dawn idderigewha li l-pre-retirement leave kellu jinghata biss kieku tnizzel fil-Ftehim Kollettiv. Tghid li meta l-Gvern, il-Fondazzjoni u l-Unions iddiskutew il-Ftehim Kollettiv, hadd ma qajjem is-sugget tal-pre-retirement leave; ebda ittra li ntbatet ma kienet tghid li dan il-leave kellu jinzamm, kif anqas ma kien hemm ittra li tghid li kellu jitnehha. Tghid li hi ma tafx x'ikun dan il-pre-retirement leave u kif jinhadem.

**Gaetana Buhagiar** xhedet li hija kienet ghalliema ta' persuni bi bzonnijiet specjali f'Adult Training Centre, u talbet ghall-pre-retirement leave ghax qabilha Tereza Bugeja u Manuel Farrugia kienu applikaw ghal pre-retirement leave u inghatalhom. Sitt xhur qabel spiccat giet infurmata li ser jinghatalha, pero' finalment ma inghatalhiex. Warajha applikat Polly Schembri, 3 xhur wara, u wkoll suppost kien ser jinghatalha, izda ma inghatalhiex.

**Polly Schembri** xhedet li hija kienet tahdem care worker fic-Centru tal-Imtarfa, u meta gew biex jibghatuha taht il-fondazzjoni, hija fehmet li kienet ser izzomm id-dritttijiet kollha li kellha mal-Gvern. Hija applikat ghall-pre-retirment leave u dan gie approvat minn certa Joyce Mifsud f'Mejju 2009. Pero' imbaghad f'Settembru 2009 hija giet mgharrfa li ma kienitx se tiehu l-preretirment leave.

**Jesmond Bonello** jghid li huwa nnegozja l-Ftehim kollettiv f'isem il-UHM u kemm kien ilu jinnegozja f'isem il-Union dejjem zammew il-principju li jekk haddiem imur ma' agenzija jew fondazzjoni b'mod permanenti dak il-haddiem ikollu l-kundizzjonijiet tal-haddiema ta' dik l-agenzija jew fondazzoni, imma jekk ikun hemm deployment biss huwa jzomm ukoll il-kundizzjonijiet tax-xoghol ta' ufficjal pubbliku; skond dan ix-xhud anke d-dritt ghall-pre retirement leave. Din hadha "for granted" u ghalhekk il-pre-retirement leave ma giex diskuss meta kienu qed jiddiskutu l-Ftehim Kollettiv tal-2008. Di fatti kien hemm certi Tereza Bugeja u Emanuel Farrugia kienu hadu l-preretirement leave bla problemi ta' xejn WARA li gie ffirmat il-Ftehim Kollettiv. Jghid li l-Fondazzjoni dak iz-zmien kien imexxiha Joe Gerada, u dan ma kellu ebda problema jaghti l-pre-retirment leave, imbaghad bdiet tmexxi Sina Bugeja minfloku, u nqalghu il-problemi kollha. Dan ix-xhud jinsisti li meta ufficjal pubbliku jigi deployed jew detailed, il-principju hu li dan ma jitlef xejn mill-kundizzjonijiet li kellu bhala ufficjal pubbliku. Meta suggerit lil dan ix-xhud li huma l-inherent rights biss li ma jintilfux, dan ix-xhud ma jaqbilx u jghid li l-kundizzjonijiet kollha ma jistghux jonqsu jew jintilfu: hekk gara ma' entitajiet ohra. Bhala ezempju jghid li l-haddiema detailed mal-MEPA baqghu igawdu mill-pre-retirement leave, minkejja li hemm Ftehim Kollettiv u dan il-Ftehim Kollettiv ma jitkellem xejn dwar pre-retirement leave.

**Gaetano Tanti**, mill-UHM, ukoll xhed li mill-esperjenza tieghu in-norma kienet li ufficjali pubblici li jigu detailed jew deployed ma' xi entita' izommu l-kundizzjonijiet kollha li kellhom qabel, inkluz il-pre-retirement leave. Jghid li normalment l-anqas ikun hemm bzonn li din tigi negozjata ghall-ftehim

kollettiv, pero' gieli kien hemm entitajiet li talbu li titnizzel fil-ftehim kollettiv. Jghid li hu jidhol f'diskussjonijiet tal-Union ghal ftehim kollettiv f'dawk is-sitwazzjonijiet biss meta n-negozjati jehlu u hu jipprova jsib triq 'il quddiem. F'dan il-kaz ma kienx hemm diskussjoni fuq pre-retirement leave. Jispjega li l-pre-retirment leave hija bhal kumpens ghal min ma jkunx uza s-sick-leave matul is-snin. Ghal kull erbat ijiem sick-leave li haddiem ma jkunx ħa fil-karriera tieghu, wahda minnhom tinzamm ghal pre-retirement leave; haddiem jista' jtella' sa massimu ta' sebat ijiem f'sena u jiggemmghu ghal meta jirtira. Imbaghad ikun kemm ikun l-ammont globali ta' leave imgemma' b'dan il-mod mill-haddiem, finalment il-pre-retirment leave ma jistax jeccedi tliet xhur.

Jghid li fl-esperjenza ta' karriera twila fl-union jaf li l-pre-retirement leave dejjem inzamm wara detailing jew deployment: gieli inkiteb fil-ftehim kollettiv u gieli ma nkitibx. L-unika eccezzjoni kienet l-MIA li ghall-kuntrarju meta giet privatizzata u gew xi Awstrijaci, din insistiet li l-pre-retirement leave kellu jitnehha. Ghalhekk huwa jifhem li bhala regola, dment li l-entita' ma timpjegax lill-haddiema permanentement (mhux detailed jew deployed), il-pre-retirement leave jibqa', minghajr htiega li jinkiteb fil-ftehim kollettiv. Dan kien intiz li jiskoraggixxi l-abbuz mis-sick-leave, u di fatti malli beda jinghata dan il-leave, is-sick-leave mehud b'mod generali naqas drastikament. Jghid li Transport Malta riedu jnehhu dan il-leave, pero l-union indikatilhom li jekk il-haddiema detailed jew deployed imorru lura mal-Gvern, dawn kienu ser jehduh. Anzi Transport Malta raw l-utilita' ta' dan il-leave u spiccaw introducewh anke ghall-haddiema li ma kienux gejjin minn mal-Gvern.

## KONSIDERAZZJONIJIET.

Dan it-Tribunal ghandu quddiemu kas kumpless hafna ghaliex ir-regolamentazzjoni ta' haddiema li jkunu ufficjali pubblici u jigu assenjati ma entitajiet ohra tiddependi fuq il-ligi, fuq il-kodici tas-servizz pubbliku li jinbidel

minn zmien ghal zmien, fuq prassi u fuq principji li in rigward ta' pre-retirment leave qatt ma gew definiti b'mod kjar.

Dan il-kaz jirrigwarda 102 haddiem tal-Gvern li gew deployed mal-Fondazzjoni msejha FSWS (Foundation for Social Welfare Services) li mhix imwaqqfa b'ligi specifika; huwa proprju ghalhekk li l-haddiema jinghad li gew "deployed" maghha, u mhux "detailed" maghha. Ir-rapprezentanti diversi tal-Union Haddiema Maghqudin (UHM) huma certi li tul is-snin qatt hadd ma ikkontesta l-fatt li kull ufficjal pubbliku li jigi detailed jew deployed ma' xi entita' izomm id-drittijiet ta' ufficjal pubbliku, u li l-kundizzjonijiet ma' dik l-entita' ma jistghux ikunu inqas vantagguzi minn dawk li kellhom mac-Civil. Ghall-kuntrarju, ir-rapprezentanti tal-Gvern huma certi li l-haddiema fis-servizz pubbliku li jigu **detailed** ma' entita' (imwaqqfa b'ligi) verament ma jistax ikollhom il-kundizzjonijiet tal-impieg imnaqqsa, pero' ghal dawk li huma **deployed** din ir-regola ma tghoddx ghax dawn izommu biss l-inherent rights u kwalunkwe dritt iehor li jista' jitnizzel fl-ittra li biha huma jigu deployed.

Issa l-problema f'dan il-kaz tohrog proprju mill-fatt li l-ufficjali pubblici li marru mal-FSWS gew deployed, u fl-ittra li intbaghtitilhom ma ssemma xejn dwar pre-retirment leave. Ghar-rapprezentanti tal-Gvern dan ifisser li allura dawn il-haddiema ma jibbenefikawx mill-principju li l-kundizzjonijiet tax-xoghol ma jistghux ikunu inqas favorevoli, u ghalhekk mghandhomx dritt awtomatiku ghal pre-retirement leave, sakemm ma jissemmiex fil-ftehim kollettiv, mentri ghar-rapprezentanti tal-UHM il-pre-retirment leave flimkien mal-kundizzjonijiet kollha l-ohra tal-ufficjali pubblici ghandhom jibqghu mhux mittiefsa, irrispettivament minn jekk tali kundizzjoni tikklassifikax bhala inherent right jew le. Fil-waqt li l-FSWS u r-rapprezentanti tal-Gvern jinsistu li l-pre-retirement leave mhuwiex inherent right, l-UHM ma nsistietx bil-kontra. Ghalhekk, meta taghsar il-volumi ta' kontestazzjonijiet li saru tul kemm dam dan il-kaz, iz-zewg mistoqsijiet finali huma: il-haddiema li gew deployed htigilhom ikunu mgharrfa li se jinghatalhom jew se jitnehhielhom il-pre-

retirment leave? Il-principju li ma jkunx hemm "less favourable conditions" tapplika ghal min hu detailed biss, jew tapplika ghal min hu deployed ukoll?

Dwar l-ewwel mistoqsija, fil-waqt li l-Fondazzjoni u r-rapprezentanti tal-Gvern isostnu li haddiema deployed zammew biss l-inherent rights u allura ma kellhomx dritt awtomatiku li jzommu l-pre-retirment leave, huma jikkonkludu li biex dawn il-haddiema igawdu dan id-dritt kien jehtieg li d-dritt ghal pre-retirement leave kellu jitnizzel jew fl-ittra tad-deployment jew fil-Ftehim Kollettiv; la ma tnizzilx f'ebda wahda minnhom, dan id-dritt spicca. Ghall-kuntrarju, l-UHM issostni li l-kundizzjonijiet ta' kull haddiema, anke deployed, ma jistghux jitnaqqsu, u biex jitnaqqsu kien hemm bzonn li tinkiteb fl-ittra tad-deployment sabiex dak il-haddiem ikollu l-ghazla li jitlob li jmur lura fic-Civil. L-UHM isostnu li la fl-ittra tad-deployment dawn il-haddiema ma gewx avvzati li ser jitilfu dan id-dritt, awtomatikament dan id-dritt kellu jibqa'.

Dan iwassalna ghat-tieni mistoqsija. L-FSWS donnha halliet kollox f'idejn l-ufficjali tal-Gvern li da parti taghhom jargumentaw, minghajr ebda referenza ghal xi ligi jew dokument miktub, li ufficjali pubblici li jigu detailed ghandhom dritt li ma jitlfux il-pre-retirment leave ghaliex jezisti principju li l-kundizzjonijiet tax-xoghol taghhom ma jistghux jonqsu. Jghidu pero' li fil-kaz tal-haddiema deployed dan il-principju ma japplikax awtomatikament, u dment li ma jkunx wiehed mill-"inherent right", kull dritt iehor ikun irid jinkiteb jew fl-ittra tad-deployment jew fil-Ftehim Kollettiv. Ir-rapprezentanti tal-UHM ukoll ma kinux f'pozizzjoni li jiccitaw xi ligi jew dokument miktub, izda ghall kuntrarju jghidu li l-principju jghodd ghall-haddiema deployed l-istess.

Dan it-Tribunal htieglu jidhol f'kull ma jirregola c-civil biex jirrizolvi dan l-empasse. Ix-xhud Leo Bonnici kien l-aktar wiehed informat, u ikkwota l-**Public Service Management Code 2009** li jitkellem fuq deployment u detailing fi klawsola 1.5.1.3. Dan ix-xhud jghid li min hu deployed ghandu l-istess drittijiet bhal min hu detailed, pero' imbaghad jiddevja minn dan u jghid li dawk li jigu detailed, it-trasferiment isir "on no less favourable conditions",

mentri dan il-principju ma japplikax ghal dawk li jigu deployed, u ghalhekk il-kundizzjonijiet ikunu jridu jinkitbu. Il-Public Service Management Code (**PSMC**) 2009 kien jidhol f'dawn il-kwestjonijet, pero' sussegwentment dan imbidel peress li permezz ta' Direttiva Numru 1 mahruga fil-5 ta' Marzu 2010 mis-Segretarju Permanenti Principali ai termini tal-**Att Dwar l-Amministrazzjoni Pubblika (Kapitolu 497 tal-Ligijiet ta' Malta**), il-PSMC u r-regolamenti, policies u istruzzjonijiet kollha ta' mieghu inghataw status ta' "direttiva" ai termini tal-Att Dwar l-Amministrazzjoni Pubblika. Din il-bidla hija dikjarata fil-PSMC stess fit-Taqsima imsejha "List Of Manuals To Which The Legal Status Of Directive Has Been Extended Through Amending Directive 1-1." Fl-istess taqsima jinghad ukoll:-

> *"Through Amending Directive 1-1, the legal status of a directive under the Public Administration Act, has been extended to the manuals listed hereunder:*
>
> • *Manual on Resourcing Policies and Procedures*
>
> • *. . . "*

Dak li ghandu x'jaqsam ma' "resourcing" ta' haddiema tal-Gvern gie kompilat f'dan il-"**Manual On Resourcing Policies and Procedures**," mahrug mill-People Resourcing & Compliance Directorate. Il-klawsoli prattikament zammew l-istess enumerazzjoni tal-PSMC tal-2009. Is-sezzjoni numru 1.5 imsejha "Public Sector Resourcing" titkellem proprju dwar il-haddiema li jigu detailed u deployed. Paragrafu 1.5.1 jidhol fid-dettal ta' kull ma jirregola d-detailing. Paragrafu 1.5.1.3 jinkludi s-segwenti sub-paragrafi in rigward ta' haddiema li jigu detailed:-

> " ***vi)*** *They shall benefit from the pay structures and conditions of service of the entity to which they are detailed, in accordance with the Collective Agreement in force, as applicable. Taken as a whole, the pay structures and conditions of service may not be less favourable than those they used to enjoy with the Public Service;*

*vii) They will retain the rights and privileges applicable to their public office as well as progression and promotion rights arising from the respective Classification Agreement*;"

Pero aktar tard fl-istess dokument insibu paragrafi 1.5.3 u 1.5.4 li jitkellmu dwar il-haddiema li jigu deployed, fejn fost affarijiet ohra nsibu li:

*1.5.3.1 The Prime Minister may likewise direct that a public officer is to be 'deployed ' for duty with a public entity. The term 'deployment ' is applied when the relative public entity has not been set up by law.*

*1.5.3.2 The reasons for deployment as well as the terms of deployment are similar to those applicable in the case of detailing as outlined at sections 1.5.1.2 and 1.5.1.3.*

Dan ifisser li l-unika differenza bejn haddiema detailed u haddiema deployed hija l-istatus legali tal-entita' li jkunu qed jigu trasferiti ghal maghha; mill-bqija id-drittijiet u l-proceduri huma kollha l-istess. Dan kollu iwassal lil dan it-Tribunal jikkonkludi li anke l-haddiema deployed mal-FSWS zammew id-drittijiet elenkati f'dan id-dokument, liema dokument jelenka wkoll dawk li xi xhieda sejhulhom "inherent rights".

Hija pjuttost inkwetanti li l-parti l-kbira tal-ufficjali pubblici gholja li gew jixhdu kienu bl-impressjoni li dawn huma biss principji mhux miktuba. Il-PSMC u l-Manuali kollha li johorgu minnu ghandhom jingiebu ghall-attenzjoni mhux biss tal-ufficjali gholja tal-Gvern, imma tal-ufficjali pubblici kollha.

Jibqa' li jrid jigi investigat jekk dan il-pre-retirement leave, kemm-il darba ma jissemmiex la fid-deployment letter u anqas fil-ftehim kollettiv, ghandux xorta jinghata lill-haddiema li jkunu deployed, minkejja li mhux inherent right. L-inherent rights huma klassifikati bil-miktub u allura mhemmx dubju li dawn

jibqghu. Dwar il-pre-retiremnt leave mhemm xejn miktub x'isir minnu f'kaz ta' detailing jew deployment. Finalment il-kwistjoni tirrivolvi madwar ir-regola li "*Taken as a whole, the pay structures and conditions of service may not be less favourable than those they used to enjoy with the Public Service.*"

Li hu zgur hu li jekk gie interpretat li haddiema detailed ghandhom jibqghu igawdu dan il-pre-retirement leave bis-sahha ta' dan il-principju li d-detailing taghohom ma jistax ikun "on less favourable conditions", l-istess ghandu japplika ghall-haddiema deployed. Fil-fehma ta' dan it-Tribunal, ghalkemm id-dicitura tal-principju tghid li "b'kollox ma' kollox" il-kundizzjonijiet m'ghandhomx ikunu inqas favorevoli, il-kwestjoni tal-pre-retirement leave hija xi haga *sui generis* u ma tistax titpogga f'keffa ma' xi haga ohra. Ghalhekk, bl-applikazzjoni ta' dan il-principju, jekk jitnaqqas jew jitnehha l-pre-retirement leave ta' haddiem detailed jew deployed, ikun qed ikollu kundizzjoni tal-impieg inqas favorevoli. Il-ligi dan ma tridux. Ghaldaqstant qed jigi deciz li l-haddiema li fic-Civil kellhom id-dritt ghal pre-retirement leave u li gew detailed jew deployed ma' xi entita', ghandhom jibqghu jibbenefikaw minn dak id-dritt.

Ghal kull buon fini jigi notat li l-istess argument ghandu japplika ghas-sick leave entitlement, u allura dawk il-haddiema tac-Civil li jigu detailed jew deployed ghandhom jirritjenu l-leave entitlement li kellhom qabel; pero' din il-materja ma kinitx tifforma parti mit-terms of reference li bihom infetah dan il-kaz.

<u>DECIZJONI</u>

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jikkonkludi li fil-kaz odjern, il-haddiema li gew deployed mal-Fondazzjoni FSWS ghandhom dritt jitolbu u li jinghatalhom il-pre-retirement leave bhal ma wara kollox inghata lil haddiema ohra qabilhom. Dawk il-haddiema li talbu u ma inghatalhomx dan il-leave, ghandhom jinghataw kumpens pekunjarju ekwivalenti ghal kull gurnata xoghol zejda li

huma jkunu hadmu in kwantu dawn gew imcahhda minn dan il-pre-retirement leave.

In kwantu dan it-Tribunal sema bl-utilita' tal-pre-retirement leave u kif dan huwa ta' beneficju ghal kull naha, jirrakkomanda li biex jigi evitat aktar dizgwid fil-futur, ghandu jitkiteb b'mod car fil- Manual on Resourcing Policies & Procedures li l-pre-retirement leave huwa dritt li jinzamm minn kull min ikun gie detailed jew deployed ma' entita' ohra.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

**Dr Leslie Cuschieri**
Chairman

**Sra Isabella Vella**
Membru

**Sur Christopher Attard**
Membru